MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1026/2004

**Maltacom plc**

**vs**

**Margaret Tonna**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Mejju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' sitt mija u hamsa u sebghin liri Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm675.89) liema ammont huwa dovut lis-socjeta attrici in konnessjoni ma servizz telefoniku li jgib in-numru 21805009 (CN1062179 a/c 10044644) liema servizz gie installat fil-fond bin-numru ufficjali 4, Bini tal-Gvern, Unit Nru 1, Block/E, Paola skond diversi kontijiet mibghuta lilha, prospett mmarkat Dok A, Dok B u kuntratt relattiv markat Dok C. .

Bl-ispejjes  u bl-imghax minn notifika ta’ dan l-Avviz kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta dehret fis-seduta tat-18 ta’ Gunju 2004 fejn ammettiet t-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta’ sitt mija u hamsa u sebghin liri Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm675.89)  bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza  ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------